

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "START UP INITIATIVE"  
– Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 011 838

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Ġunju 2015 fil-Każ R 2777/2014-1

### **Talbiet tar-rikorrenti**

- tiddikjara l-ksur u l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja;
- tiddikjara l-ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ħlas tal-ispejjeż ta' din il-kawża.

### **Motivi invokati**

- ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### **Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2015 – LG Electronics vs UASI – Cyrus Wellness Consulting (Viewty GT)**

**(Kawża T-534/15)**

(2015/C 371/39)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

*Rikorrenti:* LG Electronics, Inc. (Seul, ir-Repubblika tal-Korea) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Cyrus Wellness Consulting GmbH (Berlin, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “Viewty GT” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 9 017 237

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Ġunju 2015 fil-Każijiet magħquda R 1937/2014-2 u R 1564/2014-2

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2015 – CBM vs UASI – İD Group (Fashion ID)**

**(Kawża T-535/15)**

(2015/C 371/40)

*Lingwa tar-rikors:* l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* CBM Creative Brands Marken GmbH (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: U. Lüken, J. Bärenfänger, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* İD Group (Roubaix, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali “Fashion ID” Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 638 658

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Lulju 2015 fil-Każ R 2470/2014-4